# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 44 – L-ERBGĦA 8 TA' AWWISSU 2012
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-1:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier (wasal fis-2:15pm) |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat : | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |

Ma kienx hemm membri tal-pubbliku matul il-laqgħa.

### 1. AĠĠORNAMENT FUQ IL-PROĠETT TAL-BOSK

1.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet risposta lura mingħand il-MEPA dwar il-pjan ta' tibdil ta' siġar għall-bosk fejn dawn ma kinux aċċettaw il-proposta tal-Kunsill li jinbidlu 3 siġriet fis-sena. Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-MEPA li għandhom jinbidlu għaxar siġriet fis-sena.

1.2 Sadanittant is-SE infurmat li l-Awtorità tad-Djar kienet għaddiet kopja tal-kuntratt lill-Kunsill biex jikkunsidrah. Il-Kunsill aċċetta li jieħu din il-proprjetà f'idejh permezz ta' management lease ta' 25 sena għas-somma ta' €185 fis-sena. Kien hemm qbil li s-Sindku u s-SE għandhom jiffirmaw dan il-kuntratt.

### 2. AĠĠORNAMENT FUQ IL-PROĠETT TAL-BANDLI

2.1 Is-Sindku informa li kellu talba mingħand resident li joqgħod viċin tal-proġett tal-bandli sabiex il-parti li kellha tiġi estiża ma ssirx u l-ġnien jibqa' fl-istat oriġinali tiegħu. Huwa informa wkoll li barra minn hekk, hemm xi servizzi fuq din il-bankina li kellhom jiġu mressqa u għaldaqstant kienu se jieħdu xi ġimgħat biex isiru. Hawnhekk il-Kunsilliera Bugeja infurmat li hija wkoll kellha xi lmenti b'mod speċjali min-naħa tal-ħanut li hemm fuq wara tal-bandli. Kien hemm qbil unanimu li l-ġnien għandu jibqa' fl-istess kobor u ma jiġix estiż hekk kif kien pjanat. Is-SE kienet se tinforma lill-Perit b'dan.

### 3. PROĠETT TAL-E.T. IL-PRESIDENT TA' MALTA

3.1 Is-Sindku informa li kien għamel kommunikazzjoni mal-uffiċċju tal-President wara li ġie mgħarraf li l-MCCF kienet se tniedi proġett ġewwa l-Imtarfa. Wara laqgħa li kellu huwa ġie infurmat aktar dwar dan il-proġett, li se jkun qed jitratta

kundizzjonijiet bħall-obesità, bulimia u anorexia. Fuq suġġeriment tas-Sindku, l-uffiċċju tal-President kien aċċetta li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lir-residenti tal-Imtarfa sabiex jiġi spjegat dan il-proġett.

3.2 Il-Kunsill qabel li jappoġġa din l-inizjattiva.

## 4. ĦARĠA GHAL KEMMUNA

4.1 Fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Bugeja kien hemm qbil li għandha tiġi organizzata ħarġa għal Kemmuna. Il-Kunsill kien se jħallas għat-trasport.

4.2 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Vella. Il-ħin kien is-2:15pm. Wara li skuża ruħu minħabba li kien wasal tard minħabba x-xogħol, is-Sindku tah rendikont ta' dak kollu li ntqal u ġie deċiż. Il-Kunsillier Vella qabel mad-deċiżjonijiet kollha meħuda.

Il-laqgħa spiċċat fis-2:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |